Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9673 — Columbia Threadneedle Investments/Brittany Ferries/Condor)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 18/07)

1. Fit-13 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Columbia Threadneedle Investments ("CTI", ir-Renju Unit),

— B.A.I. Bretagne Angleterre Irlande S.A., li tagħmel il-kummerċ bħala Brittany Ferries ("BF", Franza), u

— MEIF II Channel Islands Transport Holdings Limited u s-sussidjarji tagħha ("Condor", Guernsey).

CTI u BF jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Condor kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CTI: ġestjoni ta' assi dinjija, li toffri firxi ta' strateġiji u soluzzjonijiet li jkopru swieq dinjija, reġjonali u domestiċi u kategoriji ta' assi. Hija grupp li jiġġestixxi l-assi ta' Ameriprise Financial, Inc, fornitur ewlieni ta' servizzi finanzjarji bbażat fl-Istati Uniti tal-Amerka;

— BF: kumpaniji tal-vapuri, li tħaddem servizzi bil-baħar għall-passiġġieri u t-trasport bejn Franza u r-Renju Unit, Franza u l-Irlanda, ir-Renju Unit u Spanja, u bejn l-Irlanda u Spanja. Hija toffri wkoll għażla ta' kruċieri qosra, għażliet ta' vaganzi u pakketti ta' btajjel;

— Condor: tħaddem servizzi bil-baħar għall-passiġġieri u l-merkanzija bejn iċ-Channel Islands u r-Renju Unit, u ċ-Channel Islands u Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9673 — Columbia Threadneedle Investments/Brittany Ferries/Condor

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ara r-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.